# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso

Triq il-Kbira San Ġużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

E-Mail: santavenera.lc@gov.mt

Web page: http://www.stvenera.gov.mt


1/17

**Minuti tal-ewwel laqgħa tas-sbatax–il sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta 26 ta' Jannar 2010, fis-6pm.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven Christian Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Cassar | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Mistiedna: | Is-Sinjura Romina Perici Ferrante | - | Accountant |

1.0 Item 1: Talba

1.1 Il-laqgħa infetħet b'talba qasira mis-Sindku.

1.2 Is-Sur Sultana talab is-sospensojoni tar-regolamenti biex jitkellem dwar l-ammont kbir ta' emails li qed jirċievi mill-Kunsill, inkluż dokumenti relatati mall-laqgħa tal-Kunsill, u li ma jistax jistamphom kollha. Hu qal li l-linka u l-karti jiswew aktar mill-kumpens finanzjarju allokat għall-Kunsillieri. Qal ukoll li jekk ma jistampax id-dokumenti tal-laqgħa ma jkunx jista jsegwi sew. Għaldaqstant hu talab li l-Kunsill jerġa jibda jibgħat id-dokumenti tal-laqgħa bil-posta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu mexa ma memo maħruġa mid-Dipartiment u avolja diġa' kellu risposta negattiva se jerġa jagħmel attentat.

**2.0 Item 2: Qari u approvazzjoni tal-minuti**

2.1 Il-minuti tad-29 ta' Diċembru 2009 ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati kif koreġuti.

2.1.1 Minuta 4.1.2 addenda wara s-sentenza li tibda 'Is-Sur Sultana ma qabilx'. Jiżdiedu l-kliem 'li tmur l-ADT'.

**3.0 Item 3: Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti**

3.1 Minuta 3.3: Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li irċevejna ittra legali biex tkun imwaqqfa l-preskrizzjoni.

3.2 Minuta 5.2: Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart aċċetta l-proposta u r-riżultat qed ikun kif mixtieq.

3.3 Minuta 8.1.1: Is-Sur Sultana qal li, apparti li l-Kunsill ma kienx iddiskuta sejħa għal kwotazzjoni, wisq jibża li l-ammonti kwotati jkunu għolja tant li tkun tinħtieġ tender. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġaladarba inħarġet sejħa għall-kwotazzjonijiet, kull kwotazzjoni li taqbeż €4658.75 ma tistax tiġi aċċettata. Is-Sur Anastasi qal li fil-laqgħat tas-Sindki u Viċi Sindki ma ingħatatx informazzjoni dettaljata biżżejjed u allura l-Kunsill daħal f'affarijiet li ma konniex nafu wisq dwarhom. Is-Sur Camilleri qal li dan kollu sar mgħaġġel wisq.

3.4 Minuta 8.2: Il-Kunsill qabel li jiffirma l-ftehim li jibda mil-llum.

3.5 F'dan l-istadju is-Sindku talbet is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex il-Kunsill jitratta l-ewwel u t-tieni xogħol tal-Ordnijiet tal-Ġurnata. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

## *4.0* Item 8: Ordnijiet tal-Ġurnata

### *4.1 Rendikont Finanzjarju*

4.1.1 L-accountant ippreżentat ir-rendikont finanzjarju. Is-Sur Anastasi ippropona sabiex dan ir-rendikont ikun approvat mill-Kunsill. Din il-proposta ġiet sekondata mis-Sindku. Il-Kunsill qabel unanimament.

Fuq osservazzjoni tal-accountant, il-Kunsill innota li l-ammont dovut lil Central Asphalt jista jiġi imħallas b'mod immedjat.

4.1.2 F'dan l-istadju (7:22pm) is-Sur Briffa daħal fil-kamra u ħa postu madwar il-mejda.

### *4.2 Estimi Finanzjarji 2010*

4.2.1 L-accountant ippreżentat l-estimi finanzjarji għas-sena 2010. Is-Sindku ipproponiet sabiex il-Kunsill japprova l-estimi kif emendati. Din il-proposta ġiet sekondata mis-Sur Briffa. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5.0 Item 4: Korrispondenza

5.1 Il-Kunsill tratta din il-korrospondenza:

5.1.1 Memo 5/2010 re: UIF: Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-fatt li l-fondi imwarba mill-MEPA rigward il-bankina ta' Triq il-Brunżar huma miżmuma peress li l-ADT iddikajrat li ma jissodisfax il-kriterji tal-KNPD. Dan għaliex m'hemmx bankina tul it-triq kollha fuq iż-żewġ naħat iżda hemm biċċa nieqsa mas-sit ta' kostruzzjoni u rampi quddiem Valentino. Għalhekk, hu issuġġerixxa li l-proġett tal-bankina ta' Triq il-Brunżar ikun imħallas mill-fondi tal-Kunsill u l-fondi tal-MEPA allokati għalih imorru fuq proġett ieħor. Il-Kunsill qabel li ssir talba lill-MEPA f'dan is-sens iżda qabel ukoll li l-proġett il-ġdid se jiġi identifikat f'laqgħa oħra.

5.1.2 Memo 9/2010 re: Toroq residenzjali. Il-Kunsill awtorizza lis-Segretarju Eżekuttiv jipprepara u joħroġ sejħa għall-offerti peress li l-kuntratt eżistenti jagħlaq f'Mejju 2010 u jipprepara rapport tal-istat tat-toroq li jridu jsiru fil-PPP.

5.1.3 Memo 10/2010 re: Enerġija alternattiva. Il-Kunsill innota li qiegħed tard u għalhekk talab estensjoni sal-aħħar ta' Frar 2010. Jekk l-estensjoni tiġi approvata, il-Kunsill japplika għal bdil għal enerġija alternattiva għal bini amministrattiv tal-Kunsill u/jew tal-playing fields eżistenti. Il-Kunsill qabel li tale' rapport isir minn MED Developers.

5.1.4 Memo 11/2010 re ERDF Axis 2. Is-Sur Briffa ġie inkarigat jattendi.

5.1.5 Joseph Agius re: Petizzjoni. Il-Kunsill qabel li jikkonċedi spazju adekwat ta' manuvrar skond il-liġi. Qabel ukoll li jagħmel l-istess ħaġa quddiem 55, Triq Carini.

5.1.6 AKL re: WSC ammonti dovuti. Il-Kunsill qabel li jawtorizza lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex imexxi mill-ewwel bir-rikors ġudizzjarju f'każ li jkun hemm il-bżonn.

5.1.7 26th July Fireworks re: Ħruq ta' nhar minn Ġnien Romeo Romano. B'suġġett għall-permess tal-Pulizija, il-Kunsill qabel b'ħames voti favur (is-Sindku u s-Sinjuri Sultana, Bugeja, Briffa u Formosa) u żewġ voti kontra (is-Sinjuri Anastasi u Camilleri).

5.1.8 AKL re: SEAP dwar il-Patt tas-Sindki. Il-Kunsill ma awtorizzax lis-Segretarju Eżekuttiv japplika għall-iskema tal-Enerġija Nadifa appena titħabbar l-iskema.

5.1.9 Cassar Airconditioning re: bdil ta' tabella. Il-Kunsill ma qabilx.

5.1.10 ART re: Triq Qormi. Il-Kunsill qabel li jinstalla t-tabelli 'parking stricktly in bays' u jagħmel 'double yellow line' madwar it-tower crane.

5.1.11 MADC re: Car boot sale. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

6.0 Item 5: Rapporti

6.1 Il-Kunsill iddiskuta r-rapporti tal-Contracts' Manager għax-xahar ta' Diċembru 2009.

6.2 Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda tal-kamra kopja tar-rendikont finanzjarju tal-ħarġa tal-Milied.

7.0 Item 6: Skeda ta' pagamenti (approvazzjoni)

7.1 L-iskeda għal *cheque payments* (30 ta' Diċembru 2009 sas-26 ta' Jannar 2010) tqassmet lill-Kunsilliera kollha u ġiet approvata. L-iskeda ġiet iffirmata mis-Sinjuri Briffa u Formosa.

7.2 Tqassmet ukoll *schedule of receipts* (11 ta' Diċembru 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009).

7.3 Is-Sur Anastasi qal li mhux sew li l-Kunsill jaċċetta dħul minn reklam tal-Park Towers Supermarket għal fuq il-fuljett tal-Kunsill għax skond hu hemm kunflitt ta' interess meta wieħed iqis li l-Kunsill għandu numru ta' ilmenti mal-istess Supermarket dwar diversi affarijiet. Is-Sindku wieġbet li ma tara ebda kunflitt ta' interess.

7.4 Peress li t-tlett siegħat allokati għal-laqgħa kienu se jintemmu fi ftit minuti oħra, il-Kunsill qabel li jitratta l-aġġornament u x-xogħol l-ieħor li fadal f'data oħra.

8.0 Item 9: Aġġornament

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-laqgħa tal-lokalita suppost li saret f'Jannar ma dan kollu hu irnexxielu jġib estensjoni għal Frar. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-lokalita tissejjaħ għal nhar il-Ġimgħa 26 ta' Frar 2010 fis-6:30pm.

8.2 Is-Sur Anastasi irrifera għal inkonvenjent kbir kawżat minn ħaddiema / distributuri ta' Park Towers Supermarket fi Triq il-Parilja u talab lis-Sindku sabiex dan il-każ ikun inkluż fuq l-aġenda tal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Is-Sindku qalet li dan hu każ ta' infurzar allura ma tarax għaliex għandu jiġi diskuss waqt laqgħa tal-Kunsill u stiednet lis-Sur Anastasi jattendi għal laqgħa tal-għada mal-Pulizija. Is-Sur Anastasi qal li hu kien diġa' informha li hu ma kienx se jibqa responsabbli mill-Pulizija għaliex allega li minn warajh, is-Sindku kienet tkellmet differenti mal-Pulizija. Is-Sindku talbet lis-Sur Anastasi jissostanzja l-allegazzjoni.

8.3 Il-laqgħa intemmet fid-9:05pm u t-tkomplija tagħha ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 16 ta'Frar 2010 fil-5:30pm. Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għall-istess data iżda fis-6:15pm, b'aġenda tkun komunikata aktar tard.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Cassar | Ikkonfermati | Elizabeth Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | 16 ta' Frar 2010 | Chairperson |